KUNSILL LOKALI – TA' SANNAT – LOCAL COUNCIL

*Labor Ante Omnia*

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

# DISA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 5

24 ta' Ottubru, 2019

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.32 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

Aġenda Nru. 5

5.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;
5.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 4 - 9;
5.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
5.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
5.5 Komunikazzjoni;
5.6 Rapport tal-evalwazzjoni w aġġudikazzjoni tal-Offerta għall-ġbir tal-iskart domestiku;
5.7 Promozzjoni lil Ta’ Sannat;
5.8 Ħatra ta’ Deputat Segretarju Eżekuttiv;
5.9 Data għal Laqgħa Pubblika;
5.10 Ilmenti u Suġġerimenti;
5.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti 09/2019;
5.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

### 5 .1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

5.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 5.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-raba' Minuti ta' dan il-Kunsill

5.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa Nru. 4 – 9 ta' dan il-Kunsill li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi, b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 5.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

5.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward it-tiġrija tradizzjonali taż-żwiemel fejn ġiet diskussa fl-aħħar laqgħat preċedenti tal-Kunsill. Is-Superintendent kien ta appuntament għal nhar it-Tlieta 24 ta' Settembru 2019 biss meta hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv marru għal din il-laqgħa wara siegħa ta' stennija s-Suprintendent ma kienx l-uffiċċju. Għalhekk din il-laqgħa ma saritx. B'dan ġie nfurmat l-Avukat u l-Kunsill għandu jmexxi mall-parir tiegħu fejn se jitressaq protest ġudizjarju. Dan ġie ppreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill u ser jiġi anness ma dawn il-Minuti (Dok 1). Il-Kunsill reġa bgħat imejl lis-Superintendent għal laqgħa oħra li bqajna bla risposta u li dan qed isir biex nevitaw li l-Kunsill jiftaħ kawża lill-Pulizija. Il-Kunsill ra dan il-protest ġudizjarju u talab li jmexxi.

5.3.2 Is-Sindku qal li wara li l-Kunsill għamel diversi laqgħat mall-Kuntrattur tal-proġett ta' Triq Sannat nhar il-Ħamis 10 ta' Ottubru tkompla x-xogħol fuq din it-triq. Il-Kunsill qabel biex ma jsirx parkeġġ.

5.3.3 Is-Sindku qal li l-kuntratt mall-Kuntrattur biex jibda ix-xogħol fuq il-bini tal-ħitan tas-sejjieħ minn Miżura 4.4 b'fondi ewropej għadu ma ġiex iffirmat. Il-Kunsill għandu jerġa jkellem lill-Kuntrattur biex jgħamel dan u jibdew ix-xogħolijiet.

5.3.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kif kien qal fl-aħħar laqgħa preċedenti il-kumpanija Wasteserv ser tibda servizz ġdid ta' ġbir ta' skart bi trakk speċjalizzat u li dan ser ikun ipparkjat fi Triq Marziena kif kien maqbul mill-Kunsill. Dan is-servizz ser ikun provdut kull tieni Erbgħa ta' kull xahar bejn id-9.30 a.m. u s-1.30 p.m. Dan is-servizz se jibda minn nhar l-Erbgħa 13 ta' Novembru, 2019. Ser issir tabella biex ma jsirx parkeġġ f'dik il-ġurnata fil-post riservat għal dan it-trakk li mhux akbar minn karozza tal-linja. Il-Kunsillier Bajada ssuġġerrixxa li mat-tabella ssir oħra bil-ġranet tal-ġbir.

5.3.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill u l-Kunsill applika wara li infetħet sejħa għall-fondi tal-UE taħt l-iskema WiFi4EU. Din l-inizjattiva tippromovi aċċess miftuħ u mingħajr ħlas sabiex ir-resident ikun jista juża l-faċilita' tal-WiFi fi spazji miftuħa, libreriji, pjazzez u madwar il-lokalita'. Il-Kunsill applika għal voucher li jammonta €15,000. Dan jiffinanzja biex jiġi nstallat l-apparat tal-WiFi fi spażji pubbliċi.

5.3.6 Is-Sindku qal li l-Kunsill bħal issa qed jipparteċipa fil-Pink October biex titqajjem kuxjenza kontra l-mard tas-sider billi xegħel b'dawl rosa l-Kalakara tal-Ġir ma ġenb l-uffiċċju tal-Kunsill. Fix-xahar ta' Novembru din se tinxtgħel b'kulur blu peress li hu ix-xahar ddedikat għal kanċer fl-irġiel. Nhar il-Ħamis 10 ta' Ottubru 2019 żaret dan il-post mixgħul mart il-Prim Ministru s-Sinjura Michelle Muscat li hija l-fundattriċi ta' The Marigold Foundation. Hi ntalqgħet mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sinjura Muscat rregalat siġra. Il-Kunsill qabel li din is-siġra titħawwel fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini.

5.3.7 Is-Sindku qal lill-Kunsill li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa ma Transport Malta nhar l-Erbgħa 25 ta' Settembru 2019 fejn ġew diskussi t-traffic management ta' Triq ix-Xabbata, no entry għal Triq Marsilja minn Triq Xabbata u no entry minn Triq it-Tempju tal-Imramma għal Triq ix-Xabbata bi prova u li jsiru double yellow lines f'Triq ix-Xabbata, relokazzjoni ta' Bus Stop fi Triq Ta' Ċenċ faċċata ta' Triq Santa Marija, relokazzjoni ta' Bus Stop fi Triq il-Kbira, double yellow lines fi Triq Saguna, u road humps fi Triq it-Tempju tal-Imramma u Triq tal-Gruwa. Dwar il-one way fi Triq Ta' Ċenċ u Triq Dun Xand Aquilina għandha issir laqgħa kosultattiva mar-residenti, il-LESA u Transport Malta. Il-Kunsill qabel ma dan

5.3.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret rikjesta mill-Kuntrattur lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u r-Reġjun Għawdex għall-bdil fl-iskeda tal-ġbir tal-ħġieġ minflokk l-ewwel Ħamis ta' kull xahar issir l-ewwel Ġimgħa ta' kull xahar. Il-Kunsill qal li ma jsib l-ebda oġġezzjoni basta r-residenti jiġu nfurmati b'dan it-tibdil.

5.3.9 Is-Sindku qal li dwar il-proġett ta' Pjazza Santa Margerita hemm il-ħtieġa li jsiru minor amendments mall-Planning Authority dwar il-bankini minħabba l-aċċesibilta' għal BOV, u l-każini tal-banda u tal-futbol. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 5.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

5.4.1 Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera jekk għandhomx xi mistoqijiet.

5.4.2 Il-Viċi Sindku qalet li attendiet għal laqgħa tar-Regjun Ghawdex u qalet li ġie diskuss Jum Għawdex fejn ġie diskuss li ser tiġi organizzata seduta parlamentari fejn fiha se jattendu s-Sindku u l-Viċi Sindku fil-Parlament nhar it-Tlieta 5 ta' Novembru 2019 bejn l-10 u nofsinhar. Fl-okkazzjoni ta' jum Għawdex ser tiġi kkonċelebrata quddiesa fid-9.00 a.m. fil-Katidral.

## 5.5 Komunikazzjoni

5.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal lill-Kunsill li l-Kuntrattur li kien installa l-live streaming għal laqgħat kien intalab biex issa jinqaleb ukoll għal video on demand kif kien intalab li jsir permezz tal-liġi tal-Kunsilli Lokali u d-dipartiment. Għalhekk intalbet kwotazzjoni għal dan. One off set up tas-sistema hi ta' €250 eskluża l-VAT u fee annwali li trid titħallas bil-quddiem ta' €1050 eskluża l-VAT. Il-Kunsill qabel ma din il-kwotazzjoni.

5.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li s-siġar tal-ficus li hawn fil-lokalita' fi Triq Sannat, Triq il-Kbira u Triq Marsilja għandhom bżonn iż-żbir. Għalhekk hu qal li l-Kunsill applika mill-ġdid ma' ERA biex il-Kunsill iġedded dan il-permess. Il-Kunsill qabel ma dan.

5.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mid-Dipartiment għall-

Gvern Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:

Ċirkulari Numru 18/2019 Permessi maħruġa mill-Kunsilli Lokali skond L.S. 441.04

Ċirkulari Numru 19/2019 Sistemi ta’ Live-Streaming

5.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mill-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:

19 ta’ Settembru 2019 Cir AKL 2019/111 Stqarrija AKL – Taħriġ fil-governanza u d-demokrazija għall-Membri Eletti fil-Kunsilli Lokali

19 ta’ Settembru 2019 Cir AKL 2019/071 Materjal – Seminar – Fondi għall-inizjattivi Kulturali/Soċjali mill-Fondi tal-LESA

20 ta’ Settembru 2019 Cir AKL 2019/106 Seminar dwar Provvediment ta’ Żvilupp u Implimentazzjoni ta’ Strateġiji Kulturali għall-Kunsilli Lokali u Kunsilli Reġjonali

21 ta’ Settembru 2019 Cir AKL 2019/104 – Priority information visit to the EU instituiton 28-30 October 2019

23 ta’ Settembru 2019 Sessjoni ta’ Taħrig għall-Membri Eletti: 14 ta’ Settembru 2019

24 ta’ Settembru 2019 Registration now open!

26 ta’ Settembru 2019 Regulations of use of electric scooters in our localities

26 ta’ Settembru 2019 Laqgħa Plenarja Ottubru 2019

28 ta’ Settembru 2019 National Conference on Wellbeing Malta & Sustainable Development Goals

1 ta’ Ottubru 2019 Team Building. Is-Sindku qal li kemm hu kif ukoll il-Kunsillier Tewma ma setgħux jattendu għal din is-sezzjoni.

2 ta’ Ottubru 2019 Cir AKL 2019/120 Ittra mill-Public Contract Review Board dwar il-Kuntratt tal-Bus Shelters

3 ta’ Ottubru 2019 Cir AKL 2019/078 – Reġistrazzjoni teambuilding 05/10/19

4 ta’ Ottubru 2019 Team Building

4 ta’ Ottubru 2019 Cir AKL 2019/121 LESA TMS Services

16 ta’ Ottubru 2019 Rikjesta għall-Bdil fl-iskeda tal-ġbir tal-Ħġieġ – Kunsilli Lokali Għawdex

17 ta’ Ottubru 2019 Cir AKL 2019/122 Rappreżentazzjoni b’risq Id-Dar tal-Providenza fl-istitut Kattoliku

17 ta’ Ottubru 2019 Cir AKL 2019/123 – Muzew tal-Gwerra u l-Kunsilli Lokali

17 ta’ Ottubru 2019 Plenary Meeting 25/26 October Payment

18 ta' Ottubru 2019 Cir AKL 2019/124 World Children's Day 2019

19 ta' Ottubru 2019 Cir AKL 2019/125 Communication to EU National Associations - YEPs United 4 Climate - 3 December 2019

22 ta' Ottubru 2019 Cir AKL 2019/126 Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 25

22 ta' Ottubru 2019 Cir AKL 2019/127 Aġenda Laqgħa Plenarja AKL

## 5.6 Rapport tal-evalwazzjoni w aġġudikazzjoni tal-Offerta għall-ġbir tal-iskart domestiku

5.6.1 Is-Sindku qal li l-offerta tal-ġbir tal-iskart domestiku konġunta flimkien mall-Kunsill Lokali ix-Xagħra u l-Kunsill Lokali ix-Xewkija wara li din ġiet aġġudikata w evalwata mill-bord kompost apposta nhar il-Ħamis 19 ta' Settembru 2019 u li għal din l-offerta l-Kunsilli irċevew offerta waħda mingħand il-kuntrattur li għandhom l-istess Kunsilli, il-bord kompost qal li din qedgħa within the allocated budget. Il-Kunsill diġa kellem liż-żewġ Kunsilli l-oħra. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għandu jkellem lil WasteServ Malta u jinfurmah bit-tariffi l-ġodda malli jiġi ffirmat il-kuntratt.

## 5.7 Promozzjoni lil Ta' Sannat

5.7.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wasal iż-żmien li Ta' Sannat isir aktar viżibli speċjalment fejn jidħol it-turismu permezz tat-teknoloġija moderna. Huwa semmha li għandha tiġi ikreata APP fejn tigwida turist x'għandu jgħamel biex jasal Ta' Sannat bl-aktar mod komdu u faċli, Is-Sindku qal li diġa pprepara xi xogħol dwar din l-APP fejn iddiskuta din il-proposta mall-Malta Tourism Authority fejn minn naħa tagħhom laqgħu din il-proposta b'mod pożittiv ħafna fejn saħansitra ofrew is-servizzi u l-għajnuna tas-Sur Oliver Farrugia biex jaħdem fuq din l-inizjattiva'. Il-Kunsill għandu jinforma lill-istakeholders u l-entitajiet kollha Ta' Sannat dwar din l-APP. F'din l-APP għandha tiġi inkluża l-lista ta' appartamenti, farmhouses, lukandi u restoranti. L-attivitajiet li jsiru fil-lokalita wkoll għandhom ikunu nklużi. Hu qal li l-uffiċjal s-Sur Oliver Farrugia qal li din biex tinħadem se tieħu ftit taż-żmien. Il-Kunsill qabel ma din l-inizzjattiva.

## 5.8 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv

5.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-liġi tal-Kunsilli Lokali tgħid li kull Kunsill Lokali għandu jkollu Deputat Segretarju Eżekuttiv biex meta s-Segretarju Eżekuttiv ma jkunx jista jiffunzjona jkun hemm id-Deputat. Dan l-aħħar il-Kunsill Lokali kellu Deputat Segretarju Eżekuttiv lis-Sur Ivan Attard, Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali ix-Xagħra biss dan ma jridx li jibqa. Il-Kunsill irringrazzja lis-Sur Attard u għalhekk il-Kunsill qabel li s-Sinjura Marion Attard, Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali ix-Xewkija tinħatar hi bħala d-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Għalhekk il-Kunsill Lokali għandu jinforma b'dan lid-Dipartiment.

## 5.9 Data għal Laqgħa Pubblika

5.9.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bil-liġi l-ġdida tal-Kunsilli Lokali l-Kunsill irid jorganizza u jgħamel laqgħa pubblika qabel l-baġit u oħra wara l-bagit. Il-Kunsill qabel biex din il-laqgħa ssir nhar il-Ħamis 21 ta' Novembru 2019 fl-4.30 p.m. fis-sala tal-Kunsill.

## 5.10 Ilmenti u Suġġerimenti

5.10.1 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand resident li joqgħod fit-Triq id-Daħla taċ-Ċnus fejn qal li l-ħajt tas-sejjieħ ta' għalqa fejn ir-residenza tiegħu ġie imneħħi.

5.10.2 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand residenta fejn talbet li tiġi rranġata l-għatba u l-bankina tal-berġa dan peress li tinsab perikoluża speċjalment għal anzjani li jagħmlu użu min din l-berġa. Din ġiet rranġata temporanjament sa meta jsir ix-xogħol u l-bankini f'din it-triq.

5.10.3 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand resident minn Triq Gerxija fejn talab biex jsiru double yellow lines quddiem ir-residenza tiegħu sabiex ikun jista' joħroġ lil oħtu kull x'ħin ikun hemm bżonn peress li din tinstab f'wheelchair. Dwar dan kien hemm qbil u għandu japplika ma' Transport Malta.

5.10.4 Is-Sindku qal li bħal dan l-ilment ta' hawn fuq hemm ieħor fi Triq il-Kbir. Il-Kunsill ukoll qabel dwar dan u għandu japplika ma' Transport Malta.

5.10.5 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand residenta li toqgħod fi Triq il-Kbira fejn talbet li hemm bżonn li jsir xi ħaġa peress li s-sewwieqa tal-karozzi qed jgħaddu bi speed eċessiv. Din ir-residenta talbet ukoll biex ngħinu biex f'Għawdex ikollna ambulanza tal-annimali 24hr/7day. Dwar l-ewwel ilment il-Kunsill qal li f'din it-triq hemm it-tabelli li għandhom jiġu osservati. Dwar l-ambulanza tal-annimali l-Kunsill għandu jara x'ħinijiet huma ta' dan is-servizz.

5.10.6 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-Intervention Team – MGOZ rigward ħaxix ħażin fit-Triq tal-Gruwa. Dwar dan l-ilment is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill, u l-ħaddiema tal-CWSEF assenjati mall-Kunsill qed jgħamlu dan ix-xogħol.

5.10.7 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-Intervention team – MGOZ rigward *potholes* fi Triq tal-Gruwa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li mir-ritratti li ntbgħatu dwar dan l-ilment dawn jinstabu fil-bidu ta' Triq Mġarr ix-Xini u li dwar dan l-ilment il-Kunsill rraporta kemm il-darba lill-Ministeru għal Għawdex.

5.10.8 Individwu talab li tiġi rranġata bankina perikoluża, miksura u b' xifer perikoluż fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini. Dan l-ilment ntbgħat bis-sistema tal-MGOZ.

5.10.9 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-Intervention Team - MGOZ rigward Triq il-Baqqari li għandha bżonn l-attenzjoni. Dwar dan l-ilment is-Segretarju Eżekuttiv kiteb lura fejn qal li din it-triq mhix fil-konfini ta din il-lokalita'.

5.10.10 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-Intervention Team – MGOZ rigward Triq ix-Xewkija li qegħdha perikoluża u li hemm il-ħtieġa tal-patching. Il-Kunsill għandu jara dan l-inkonvenjent u jsir il-patching.

5.10.11 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-Intervention Team – MGOZ rigward signs tal-attrazzjoni

turistika fi Triq id-Daħla taċ-Ċnus u li għandhom bżonn facelift. Il-Kunsill qal li dawn għadhom f'kundizzjoni tajba.

5.10.12 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-Intervention Team – MGOZ rigward żibel fi Triq l-28 ta' April 1688. Il-Kunsill kellem lill-Kuntrattur tal-knis u dan tneħħa minnufih.

5.10.13 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-Intervention Team - MGOZ rigward ħaxix ħażin fi Triq ix-Xewkija. Dwar dan l-ilment il-Kunsill ħa ħsieb li jnaddaf ħdejn iċ-Ċimiterju qabel jibda x-xahar ta' Novembru.

5.10.14 Resident minn Triq Vincenzo Caruana Spiteri qed jitlob li jitwal double yellow line biex ikun jista' joħroġ mill-garaxx. Il-Kunsill għandu jara jekk hemmx metru miżbugħ biex dan ikun jista joħroġ.

5.10.15 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fi Triq 28 ta' April 1688 siġra ta' ġuda minn dawk li tħawwlu mietet u jkun xieraq li terġa titħawwel oħra minfloka. Hu qal li dawn is-siġar qabdu u għalhekk jeħtieġu rifieda aħjar minn dawk li hemm qabel jibda l-maltemp u tiġrilhom il-ħsara. Il-Kunsill qabel li jsir dan u li titħawwel oħra minflok l-oħra.

5.10.16 Is-Sindku qal li residenta minn Triq Pisoniano talbet li jsiru double yellow lines f'din it-triq peress li mhux qed tkun tista toħroġ bil-vettura mill-garaxx tagħha. Il-Kunsill għandu japplika ma' Transport Malta.

5.10.17 Is-Sindku qal li ġie avviċinat minn diversi ġenituri ta' studenti li jattendu l-iskola tas-sixth form u li hemm il-ħtieġa li x-xarabank tal-ħin tas-7.35 a.m. tibda titlaq fis-7.15 a.m. biex dawn l-istudenti ma jkunux tard għall-iskola. Il-Kunsill għandu jikteb lil Transport Malta.

5.10.18 Is-Sindku qal li hemm il-bżonn li tinxtgħel floodlight fi Triq Saguna peress li filgħaxija hemm id-dlam. Il-Kunsill qabel ma dan.

5.10.19 Is-Sindku qal li ġie avviċinat u li hemm il-ħtiega ta' tabella għal minibus tal-iskola fit-triq Marziena. Dwar dan kien hemm qbil

5.10.20 Is-Sindku qal li resident minn Triq Ta' Ċenċ in-naħa t'isfel qed jitlob għal bankina ġdida quddiem residenza ġdida. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

5.10.21 Il-Viċi Sindku talbet biex il-Kunsill jikteb lil min hu konċernat biex Triq ix-Xewkija titwessa dan peress li tirċievi diversi lmenti dwar il-periklu li hemm.

5.10.22 Il-Kunsillier Bajada ġibed l-attenzjoni biex issir manutenzjoni tal-pavimentar ta' Pjazzetta tax-Xelina qabel ma tibda tinqala'. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li diġa qal lil żewġ kuntratturi u li ma ġie ħadd minnhom. Il-Kunsill għandu jara min se jkun jista jghamel dan ix-xogħol.

5.10.23 Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jara kif jgħamel u jirranġa l-ħofor li hemm fil-passaġġ minn Triq il-Kbira għal Triq Xamgħan. Il-Kunsill se jara jekk dan ix-xogħol jistgħux jgħamluħ l-ħaddiema tal-CWSEF.

## 5.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 9/2019

5.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 9/2019 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w

aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta’ din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta’ din il-laqgħa.

## 5.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-aħħar laqgħa

5.12.1 Il-laqgħa ntemmet fit-3.30 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 21 ta’ Novembru 2019, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 21 ta’ Novembru 2019

| | |
|---|---|
| (Iffirmata) | (Iffirmata) |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |